Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2024/0305(NLE)

18.11.2025

EMENDA
1

Abbozz ta' rakkomandazzjoni
Jaroslav Bžoch
(PE778.134v01-00)

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Bożnija-Ħerzegovina dwar attivitajiet operazzjonali mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fil-Bożnija-Ħerzegovina

Abbozz ta' deċiżjoni
(16666/2024 – C10-0117/2025 – 2024/0305(NLE))

AM_Com_LegConsent

Emenda 1
Estrella Galán

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva
Paragrafu 1

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva	*Emenda*
1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;	1. ***Jirrifjuta li*** jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan il-ftehim dwar l-istatus il-ġdid mal-Bożnija-Ħerzegovina jirrappreżenta pass ieħor fl-istrateġija usa' tal-UE maħsuba biex testernalizza l-kontroll fuq il-fruntieri u l-ġestjoni tal-migrazzjoni, billi fil-fatt tiġi esternalizzata r-responsabbiltà li jiġu protetti r-rifuġjati u l-applikanti għall-ażil lejn pajjiżi terzi b'garanziji aktar dgħajfa. Minkejja r-referenzi għar-rispett tal-istandards tal-UE, fil-ftehim jonqsu l-garanziji suffiċjenti biex jiġi evitat il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tiġi żgurata superviżjoni indipendenti tal-operazzjonijiet ta' Frontex. Barra minn hekk, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS) ma ġiex ikkonsultat formalment u ddikjara li ma teżisti l-ebda bażi ġuridika adegwata għat-trasferiment tad-data personali lill-Bożnija-Ħerzegovina, b'hekk qajjem tħassib serju rigward il-legalità u l-użu potenzjalment ħażin tad-data tal-migranti. F'dan il-kuntest, il-ftehim jirriskja li jagħmel lill-istituzzjonijiet tal-UE kompliċi, direttament jew indirettament, ta' ksur tad-drittijiet fundamentali, inklużi ritorni illeċiti u ksur tal-istandards fil-qasam tal-protezzjoni tad-data, u għaldaqstant jenħtieġ li jiġi rifjutat.